MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1536/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mario Balzia u l-istess Mario Balzia**

**Vs**

**Giovanni Farrugia**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm205.93c (mitejn u hames liri Maltin u tlieta u disghin centezmu) dovuti in kwantu ghas-somma ta' Lm168.43c (mija u tmienja u sittin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu) bhala danni kkagunati fil-vettura ta' l-attur Mario Balzia, Lm11.50c (hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu) prezz ta' surveys, Lm3.00c (tlett liri Maltin) prezz ta' rapport tal-pulizija u Lm23.00c (tlieta u ghoxrin

lira Maltin) kwantu ghal erbat ijiem telf ta’ uzu tal-vettura UTD 199, u dan b’rizultat ta’ l-incident stradali li sehh fit-22 ta’ Mejju 2002 fi triq Vincenzo Bugeja l-Hamrun, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura IAB 058 propjeta ta’ Alfie (Alphonse) Borg u dahal gol-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni UTD 199 propjeta’ ta’ l-attur Mario Balzia u misjuqa minn Louise Balzia ghal-liema incident kien unikament responabbli l-konvenut Giovanni Farrugia ta’ imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma’ dawn il-proceduri u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------